# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-7 TA' DICEMBRU, 2022**

**Kawża Numru: 3**

**Rik. 1063/2020 RGM**

**Belight Capital Group Limited**

**soċjeta' estera reġistrata Ċipru bin-numru ta'**

**Registrazzjoni HE345448**

**vs.**

**Clint La Rosa personalment**

**u**

**Welcome Auto Dealer Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Belight Capital Group Limited** ppreżentat fit-12 ta' Novembru, 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija kumpanija registrata fir-Republika ta' Cipru u b'licenzja finanzjarja numru 364/18; illi din l-istess licenzja *inter alia* tawtorizza lill-istess socjeta` tiehu istruzzjonijiet finanzjarji minghand klijenti taghha, taghti kreditu u self, issarraf kambju u taghmel, taffetwa u tircievi pagamenti *swift*;

2. Illi fil-11 ta' Gunju 2019 fuq istruzzjonijiet u ghan-nom tal-intimati, s-socjeta` esponenti ghamlet pagament lis-socjeta` estera Tim Hayward Car Sales Ltd fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf u hames mitt lira sterlina (£Stg 28,500);

3. Illi oltre din s-somma hemm percentwali ta' kommissjoni kif pattwit ta' hamsa fil-mija (5%) fuq is-somma mibghuta ammontanti ghall-elf erba mija u hamsa u ghoxrin lira sterlina (£Stg 1,425);

4. Illi ghalhekk is-somma dovuta globalment hija ta' disa' u ghoxrin elf disa' mija u hamsa u ghoxrin lira sterlina (£Stg 29,925) li bir-rata ta' kambju ta' 1.1461 fid-data tat-trasferiment tal-flus hija ekwivalenti ghas-somma ta' erba u tletin elf mitejn u seba' u disghin euro (€34,297);

5. Illi nonostante li l-istess intimati gew interpellati diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju, 2020 li qatt ma giet notifikata nonostante diversi attentati, l-istess intimata baqghu inadempjenti;

RAGUNI TAT-TALBA

Peress illi s-socjeta` rikorrenti hija kumpanija registrata fir-Republika ta' Cipru u b'licenzja finanzjarja numru 364/18; illi din l-istess licenzja *inter*

*alia* tawtorizza lill-istess socjeta` tiehu istruzzjonijiet finanzjarji minghand klijenti taghha, taghti kreditu u self, issarraf kambju u taghmel, taffetwa u tircievi pagamenti *swift*;

Peress illi fil-11 ta' Gunju 2019 fuq istruzzjonijiet u ghan-nom tal-intimati, s-socjeta` esponenti ghamlet pagament lill-socjeta` estera Tim Hayward Car Sales Ltd fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf u hames mitt lira sterlina (£Stg 28,500) (skond l-annessi dokumenti RRP1, RRP2 u RRP3); illi oltre din s-somma hemm percentwali ta' kommissjoni kif pattwit ta' hamsa fil-mija (5%) fuq is-somma mibghuta ammontanti ghall-elf erba mija u hamsa u ghoxrin lira sterlina (£Stg 1425): illi ghalhekk is-somma dovuta globalment hija ta' disa' u ghoxrin elf disa' mija u hamsa u ghoxrin lira sterlina (£Stg 29,925) li bir-rata ta' kambju ta' 1.1461 fid-data tat-trasferiment tal-flus hija ekwivalenti ghas-somma ta' erba u tletin elf mitejn u seba' u disghin euro (€34,297);

Peress illi nonostante li l-istess intimati gew interpellati diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju, 2020 li qatt ma giet notifikata nonostante diversi attentati, l-istess intimata baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

<u>TALBIET</u>

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u filwaqt li tirriserva li tressaq il-provi kollha permessibbli, is-socjeta` rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimati Clint La Rosa u s-socjeta` Welcome Auto Dealer Ltd solidalment debituri jew minn minhom debitur tas-socjeta` esponenti fis-somma ta' disa' u ghoxrin elf disa' mija u hamsa u ghoxrin lira sterlina (£Stg 29,925) li bir-rata ta' kambju ta' 1.1461 fid-data tat-trasferiment tal-flus hija ekwivalenti ghas-somma ta' erba u tletin elf mitejn u seba' u disghin euro (€34,297) oltre l-imghaxijiet kummercjali mil-11 ta' Gunju, 2019 sad-data tal-pagament effettiv, oltre l-ispejjes legali, inkluz ta'

l-ittra ufficjali u tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbidipprezentati qabel illum;

2. Tordna sabiex l-istess intimati jew minn minnhom jaghmlu l-pagament immedjat tal-flejjes kollha dovuti, inkluz l-imghaxijiet u l-ispejjez gudizzjarji kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat ir-**Risposta Ta' Welcome Auto Dealer Ltd u Clint La Rosa** ipprezentata fil-15 ta' Jannar, 2021 u jinghad kif gej:

1 Illi preliminarjament l-esponenti jiddikjaraw l-azzjoni preskritta ai termini ta' l-artiklu 2148(e) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghal dak fuq espost l-ammont ta' sorte mitlub kien gie mhallas immedjatament mat-trasferiment;

3 Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghal dak fuq espost l-intimat Clint La Rosa m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma ebda persuna, inkluz l-attrici, in relazzjoni ma' din it-transazzjoni u dan billi hija l-kumpanija tieghu li tinnegozja u mhux hu personalment;

4 Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghal dak fuq espost l-intimata Welcome Auto Dealer Ltd C64346 m'ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-attrici Belight Capital Group semmai jekk kien hemm kienet relazzjoni ma' Robert Ryan Porter personalment;

5 Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost ebda kuntratt ma' sar la ma' l-attrici u lanqas ma' persuna/i ohra dwar l-kummissjoni imsemmija;

6 Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost ebda ittra ufficjali ma jidher li waslet ghand ir-rikorrenti;

7 Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost ebda interessi m'huma dovuti u dan billi ma kienx hemm kuntratt dwar dan u sar il-pagament immedjat;

8 Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost l-attrici tinsab deregistered sa minn April 2020 u dan habba hwejjeg li ghamlet simili ghal dak li qed taghmel permezz ta' din il-kawza;

9 Illi t-talbiet huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

10 Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost ghandu jgib prova ghal dak allegat inkluz jiggustifika l-ammont mitlub li hu certament ezagerat;

Rat l-affidavit ta' Robert Ryan Porgter ippreżentat mis-soċjeta' attriċi fl-20 ta' Jannar 2022.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' April 2022 s-soċjeta' attriċi ddikjarat li m'għandix aktar provi xi tressaq u għalhekk il-Qorti għaddiet sabiex tat terminu lill-konvenuti sabiex jippreżentaw provi permezz ta' affidavit u ħalliet is-smigħ tal-kawża għas-6 ta' Lulju 2022 għall-provi tal-konvenuti.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022 la deher il-konvenut jew rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta u lanqas l-avukat difensur tagħhom. Ġie osservat ukoll f'dik l-udjenza illi ħadd mill-konvenuti ma ppreżenta provi b'affidavit la fit-terminu mogħti fis-seduta preċedenti u lanqas wara.

Għalhekk il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi magħluq u ħalliet is-smigħ għat-trattazzjoni finali għat-13 ta' Ottubru 2022.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2022 dehret biss l-avukat difensur tas-soċjeta' attriċi.  Għall-konvenuti ma deher ħadd.

Għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti.**

1. Is-soċjeta' attriċi hija kumpanija reġistrata ġewwa Ċipru sabiex tagħti lill-klijenti tagħha servizzi finanzjarji.  Ġara pero' li b'effett mit-8 ta' April 2020 il-liċenzja tagħha ġiet sospiża mill-awtorita' kompetenti Ċiprijotta.

2. Skond dokument eżebit u li jinsab a fol. 22 tal-proċess jirriżulta illi s-Cyprus Securities and Exchange Commission innotifikat lil Malta Financial Services Authority (MFSA) bis-sospensjoni tal-liċenzja tagħha u bil-kondizzjonijiet tas-sospensjoni fosthom li s-Soċjeta' Attriċi **ma setgħatx aktar** :

i. Tagħti servizzi ta' investiment;
ii. Tagħmel attivitajiet ta' investiment;
iii. Tipparteċipa fl-ebda transazzjoni kummerċjali ma' l-ebda persuna;
iv. Taċċetta klijenti ġodda;
v. Tirreklama lilha nnifisha bħala fornitur ta' servizzi ta' investiment;

Fir-rigward ta' klijenti eżistenti setgħat:

i Bil-kunsens tal-klijenti eżistenti, tikkonkludi dawk it-transazzjonijiet li kienu diġa inbdew;

ii. Tirritorna lill-klijenti tagħha l-fondi u l-istrumenti finanzjarji li kellha f'idejha u li kienu jappartjenu lill-klijenti tagħha.

3. Sakemm tali sospensjoni tal-liċenzja tibqa' fis-seħħ, kif jidher li għadha sa issa, s-Soċjeta' Attriċi "is not authorised to passport its services in Malta under the Markets in Finanacial Instruments Directive (Directive 2014/65/EU) ħlief dak permess skond il-paragrafu preċedenti.

4. **Robert Ryan Porter** prodott mis-soċjeta' attriċi, xhed illi huwa sar jaf lill-partijiet involuti tramite l-avukat tiegħu. Spjega illi ċertu Mario Tonna kien idderieġa lill-konvenuti sabiex jixtru u jimportaw ġewwa Malta mill-Istati Uniti vettura automobilistika tramite kumpanija Brittannika bl-isem Tim Hayward Car Sales Limited.

5. Jgħid illi l-istruzzjonijiet kien irċevihom mingħand il-konvenut Clint La Rosa b'dan illi fil-11 ta' Ġunju 2019 itrasferixxa lil Tim Hayward Car Sales Ltd is-somma ta' tmienja u għoxrin elf u ħames mitt lira Sterlina (£28,500) fl-interess tal-konvenuti.

6. Jgħid illi peress li kien jaf personalment lill-konvenut La Rosa huwa kellu fiduċja fih u għalhekk ipproċeda sabiex jitrasferixxi s-somma fl-esteru għax-xiri tal-vettura qabel ma' l-konvenuti għaddewlu l-flus għal dan l-iskop. Jgħid li La Rosa kellu jgħaddilu l-ammont aktar tard dik il-ġimgħa fi flus kontanti.

7. Meta l-pagament ma sarx u l-attur beda jinsisti għall-ħlas, il-konvenuti offrewlu li jħallsu dak minnhom dovut permezz ta' pagamenti mensili ta' elf ewro (€1,000) il-wieħed. Dik l-offerta x-xhud jgħid li rrifjutaha fil-25 ta' Ġunju 2019.

8. Spjega illi apparti l-ammont li huwa ttrasferixxa fl-esteru fuq struzzjonijiet tal-konvenut La Rosa, hemm ammont ieħor dovut: s-

somma ekwivalenti għal ħamsa fil-mija (5%) rappreżentanti l-kummissjoni dovuta għal dik it-transazzjoni; oltre ħamsin Ewro (€50) rapprezenanti "wire fee".

9. Spjega li huwa ma pproċediex ġudizzjarment mill-ewwel minħabba r-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet. Jgħid li għalkemm kien ippreżenta ittra uffiċjali kontra l-konvenuti din baqgħet ma ġietx notifikata.

10. Jirreferi għall-provi dokumentarji li huwa ppreżenta fosthom fattura datata 22 ta' Mejju 2019 maħruġa mis-soċjeta' Tim Hayward Car Sales Ltd. għas-somma ta' £28,500 indirizzata bil-mod segwenti:

    "Company Name: Welcome Auto Dealer Ltd.
    Customer Name: Mr Clint La Rosa."

11. Jirreferi wkoll għal dokument minnu ppreżentat li jinsab a fol. 5 tal-proċess li juri illi minn kont miftuh mix-xhud Ryan Porter sar pagament tramite Santander UK PlC tas-somma ta' £28,500 lis-soċjeta' lis-soċjeta' Tim Haward Car Ales Ltd. ġewwa l-Ingilterra.

12. Il-konvenuti ma resqu l-ebda provi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**L-Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni - Artikolu 2148 (e) tal-Kodiċi Ċivili**.

13. Permezz ta' **l-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti** jilqgħu għat-talbiet attriċi billi jsostnu li l-azzjoni attriċi hi preskritta bis-saħħa tal-**Artikolu 2148 (e ) tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi illi l-azzjonijiet tas-sensala għad-dritt tas-senserija jaqgħu bit-trapass ta' tmintax-il xahar.

14. Qabel tikkonsidra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tajjeb li tqis x'inhi n-natura tal-azzjoni mressqa mis-soċjeta' attriċi.

15. Huwa meqjus li x-xorta ta' azzjoni mressqa quddiem qorti għandha tirriżulta mit-talbiet li jitressqu fid-dawl tal-premessi u mhux mill-provi jew sottomissjonijiet magħmula fil-kors tal-kawża. (**Carmelo Cassar nomine. vs. Victor Zammit** - Appell (Inferjuri) - 23 ta' Ġunju 2004).

16. Skond it-talbiet attriċi moqrija flimkien mal-premessi fl-att promotur jirriżulta li s-soċjeta' attriċi qed tfittex lill-konvenuti għall-ħlas tas-somma globali ta' €34,297 rappreżentanti skond is-soċjeta' attriċi flus li tgħid li ħallset lil terzi fuq struzzjonijiet u fl-interess tal-konvenuti inkluż f'din is-somma l-ammont ta' circa €1,633 rappreżentanti kummissjoni ta' 5% bħala ħlas tas-servizzi tagħha in konnessjoni mal-istess trasferiment ta' flus fl-esteru.

17. Isegwi illi mill-ammont globali reklamat hija biss is-somma rappreżentanti 5% tas-somma mitluba illi tikwalifika bħala kummissjoni. Il-kumplament, €32,664, jirrapreżentaw l-ammont li s-soċjeta' attriċi tikkontendi li ħallset lill-terzi fl-interess tal-konvenuti u li għalhekk qed titlob li tirkuprhom mingħand il-konvenuti.

18. Il-konvenuti eċċepew **il-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148 (e)** li kif rajna jipprovdi dwar is-senserija. M'hemmx dubju illi dina l-preskrizzjoni ma hiex applikabbli għall-azzjoni sabiex l-attriċi tirkupra l-ammont ta' €32,664.

19. Dwar jekk hiex applikabbli l-preskrizzjoni eċċepita għall-bilanċ ta' €1,633 rappreżentanti kummissjoni jeħtieġ li jiġi kkonsidrat jekk il-kummissjoni reklamta ta' 5% taqax fil-kategorija ta' senserija.

20. Jeħtieġ għalhekk li jiġi identifikat is-servizz li s-soċjeta' attriċi tallega li tat lill-konvenuti.

21. Kif rajna s-soċjeta' attriċi tinsiti illi s-servizz li tat lill-konvenuti kien li għan-nom u fuq inkarigu tagħhom trasferit flus fl-esteru tramite bank kummerċjali lil terz rappreżenanti ħlas ta' karrozza li inxtrat mill-konvenuti mill-esteru. Għal dan is-servizz l-attriċi tirreklama kummissjoni ta' ħamsa fil-mija (5%). Ir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi xhed li huwa kien jafda lill-konvenut La Rosa u kien għalhekk li huwa ma qadx jistenna li jitqiegħed "in funds" qabel ma effettwa l-pagament.

22. Fil-fehma tal-Qorti dan ma hux servizz ta' sensal iżda ta' aġent tal-kummerċ.

23. Ġie ritenut illi aġent tal-kummerċ la hu sensal u lanqas mandatarju. Għalhekk il-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2148 (e ) eċċepita mill-konvenuti ma hiex applikabbli għall-azzjoni sabiex l-aġent jitħallas il-kummissjoni minnu pretiża. ( **Joseph Cosaitis vs. Dr. Rene' Frendo Randon noe.** - Qorti tal-Kummerċ - 24 ta' Marzu 1971 (mhux pubblikata); **Ant. R. Camilleri noe. Vs. Dr F. Depasquale et. noe.** - Qorti tal-Kummerċ - 24 ta' Marzu 1980 (mhux pubblikata)).

24. Għal dawn ir-raġunijiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (e ) tal-Kap 16 qed tiġi respinta.

**L-Eċċezzjoni tal-Ħlas A Saldu.**

25. Permezz tat-**tieni eċċezzjoni** tagħhom il-konvenuti jeċċepixxu illi l-ammont mitlub fis-sorte "gie mhallas immedjetament mat-trasferiment".

26. Permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenuti qegħdin jirrikonoxxu illi l-ammont mitlub huwa ammont li kien f'xi żmien anteċedenti dovut iżda li tħallas immedjetament li l-attriċi ħallset lil terzi.

27. La darba huma l-konvenuti li qed jallegaw li sar ħlas a saldu, kien jinkombi fuqhom l-oneru illi jressqu l-aħjar prova fir-rigward. Il-konvenuti mhux biss ma resqux l-aħjar prova tal-ħlas iżda ma resqu provi xejn. Fiċ-ċirkostanzi huwa evidenti illi t-tieni eċċezzjoni timmerita li tiġi respinta.

**It-Tielet u r-Raba' Eċċezzjoni - Nuqqas ta' Relazzjoni Ġuridika**.

28. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jeċċepixxu illi Clint La Rosa personalment ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi peress li huwa dejjem jinnegozja f'isem is-soċjeta' konvenuta; filwaqt li permezz tar-raba' eċċezzjoni jeċċepixxu illi s-soċjeta' konvenuta ma kellha qatt relazzjoni mas-soċjeta' attriċi iżda ma' Robert Ryan Porter personalment.

29. Mill-provi dokumentarji mressqa s-soċjeta' attriċi Belight Capital Group Limited ma tirriżulta fuq ebda wieħed mid-dokumenti ppreżentati minnha stess in sostenn tat-talbiet tagħha.

30. Fuq il-fattura rilaxxjata mill-kumpanija Irlandiża **Tim Hayward Car Sales Ltd.** dwar ix-xiri ta' vettura BMW hemm l-ismijiet tal-konvenuti iżda isem is-soċjeta' attriċi ma jidher imkien. Fuq id-dokument rappreżentanti l-pagament ta' GBP 28,500 magħmul b'mod elettroniku tramite l-bank Brittaniku **Santander UK PLC** jirriżulta li l-pagament sar minn "Ryan Porter" u mhux mill-kumpanija attriċi Belight Capital Group Limited.

31. Fix-xhieda tiegħu Robert Ryan Porter ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar dan in-nuqqas ta' isem il-kumpanija attriċi fuq id-dokument li fiċ-ċirkostanzi kellu jkun l-aħjar prova in sostenn tat-talba attriċi. Is-soċjeta' attriċi, rinfaċjata bl-eċċezjonijiet ta' nuqqas ta' interess ġuridku ma resqet l-ebda prova sabiex turi illi l-flus li ġew trasferiti fl-esteru fl-interess tal-konvenuti kienu fondi ħerġin minn sorsi finanzjarji f'isimha u mhux minn sorsi f'isem Robert Ryan Porter personalment.

**Onus Probandi Incumbit Ei Qui Dicit Non Ei Qui Negat.**

32. Il-principju ewlieni li jirregola l-piż probatorju f'kawżi ċivili jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, (Artikolu 562 Kap. 12).

33. Huwa obbligu ta' min jistitwixxi kawża li jressaq il-provi kollha rilevanti insostenn tat-talbiet tiegħu u mhux biss. Jeħtieġ ukoll li jressaq l-aħjar prova. (Artikolu 559 Kap. 12)

34. Huwa miżmum li għalkemm il-Qorti għandha dritt tesiġi li titressaq l-aħjar prova; dan ma jnaqqas xejn mill-obbligu fuq spallejn min iressaq kawża quddiem Qorti li jressaq l-aħjar provi in sostenn tat-talbiet tiegħu, irrispettivament jekk il-Qorti tintervjeniex jew le fir-rigward.

35. Kif intqal fis-sentenza **Anthony Pandolfino vs. Automated Revenue Management Services Limited** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru 2022:

> "……ingħad ukoll li tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), kemm fuq il-konvenut in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara sentenza Kollez. Vol.

XLVI.I.5. Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex, kif ingħad, "jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" – (Ara sentenza Kollez. Vol. XXXVII.i.577, kif ukoll is-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet Joseph Tonna v. Philip Azzopardi).

36. Fil-każ odjern, għalkemm huwa minnu li l-konvenuti ma ressqu l-ebda provi; fl-istess ħin jiġi osservat li s-soċjeta' attriċi ma resqet l-ebda prova li tista' titqies li spustat l-oneru tal-prova minn fuq l-attriċi għal fuq il-konvenuti. Kienet tkun sitwazzjoni differenti li kieku l-attriċi resqet provi li juri illi l-flus ġew trasferiti fl-esteru minn kont tagħha u mhux minn kont ta' Robert Ryan Porter personalment.

37. Għalkemm Robert Ryan Porter xhed illi fis-servizz finanzjarju li kien qed jagħti lill-konvenuti huwa kien qed jaġixxi f'isem is-soċjeta' attriċi, tali dikjarazzjoin kellha tkun korroborata minn provi sodisfaċenti u mhux minn fotokopja ta' dokument li fuqu isem is-soċjeta' attriċi ma jidher imkien.

38. Il-Qorti tosserva illi s-soċjeta' attriċi ingħatat diversi opportunitajiet sabiex tressaq il-provi tagħha, pero' l-provi minnha mressqa baqgħu skarsi għall-aħħar.

39. Una volta ma tresqux provi mis-soċjeta' attriċi li kienet hi li tat is-servizz finanzjarju mertu tal-kawża u mhux it-terz, isegwi illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li ma hemmx relazzjoni ġuridika bejnhom u s-soċjeta' attriċi hija fondata. Konsegwentement it-tielet u r-raba' eċċezzjoni qed jiġu akkolti.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fejn eċċepew li l-azzjoni attriċi hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (e ) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. **Tiċħad** it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti fejn ġie eċċepiet il-pagament stante li ma tresqux provi dwar dan il-pagament;

3. **Tilqa'** t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuiti u tiddikjara illi ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenut Clint La Rosa.

4. **Tilqa'** r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti; tiddikjara li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' konvenuta Welcome Auto Dealer Limited.

5. **Tiċħad** it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
7 ta' Diċembru, 2022

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**